MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2009

Appell Civili Numru. 2499/1999/1

**Carmelo Abdilla u martu Michelina Abdilla;**
**u b'digriet tas-6 ta' Ġunju 2005 il-kawża tkompliet fil-persuna ta' Gaetano Abdilla, Emanuel Abdilla, Joseph Abdilla u Carmel *sive* Charles Abdilla minflok l-attur Carmelo Abdilla li miet waqt li kienet miexja l-kawża**

**v.**

**Frances Gloria Crockford, Maria Antoinette *sive* Tanya Crockford, Maria Carmela Crockford, Maria Dolores *sive* Doreen Crockford illum miżżewġa Cassar, u Cecilia Borg,**
**ulied Melita u Francis Crockford; u Francis Crockford**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**

1. Dan hu appell ad istanza tal-atturi minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Dicembru 2006, liema sentenza sejra tigi hawn riprodotta fl-intier taghha ghal intendiment ahjar ta' dan l-appell:-
"Il-Qorti:-

"F'din il-kawża l-atturi qegħdin jitolbu li jintradd lilhom self li għamlu lill-awtrici tal-konvenuti.

"Ic-citazzjoni tgħid illi b'kitba tal-15 ta' Ottubru 1990 Melita Crockford, illum mejta, mart il-konvenut Francis u omm il-konvenuti l-oħra, kienet għarfet li għandha tagħti lill-attur Carmelo Abdilla s-somma vera, certa u likwida ta' tnax-il elf u seba' mitt lira (Lm12,700) li hija kienet isselfet, u ntrabtet illi trodd dan is-self, bl-imgħax ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena b'seħħ mill-15 ta' Ottubru 1990, bi ħlasijiet ta' tliet mitt lira (Lm300) fix-xahar, l-ewwel ħlas fil-31 ta' Jannar 1991. Melita Crockford, iżda, ma ħallset xejn minn dan id-dejn, u għalhekk illum il-konvenuti għandhom iroddu lill-atturi s-self ta' tnax-il elf u seba' mitt lira (Lm12,700).

"Melita Crockford kienet kemm-il darba għarfet id-dejn, ukoll ftit qabel ma nfetħet il-kawża, iżda l-konvenuti, għalkemm imsejħa kemm-il darba biex iħallsu, baqgħu ma ħallsux. L-atturi għalhekk fetħu din il-kawża u qegħdin jitolbu illi din il-qorti, wara li, jekk ikun meħtieg, (1) tgħid illi d-dejn ta' tnax-il elf u seba' mitt lira (Lm12,700) għandu jitħallas lilhom bl-imgħax mill-15 ta' Ottubru 1990, (2) tikkundanna lill-konvenuti jroddulhom is-self ta' tnax-il elf u seba' mitt lira (Lm12,700), flimkien ma' l-imgħax miftiehem ta' tmienja fil-mija fis-sena b'seħħ mill-15 ta' Ottubru 1990 u l-ispejjeż, fosthom dawk tal-ittra ufficjali tat-2 ta' Settembru 1999.

"Il-konvenuti ressqu dawn l-eccezzjonijiet:

“1. l-azzjoni waqgħet bi preskrizzjoni taħt l-art. 2156(*e*) tal-Kodici civili; u

“2. it-talbiet tal-atturi “huma privi minn kull fondament guridiku u fattwali”.

“Il-fatti relevanti huma dawn:

“Fil-15 ta’ Ottubru 1990 saret kitba bejn Melita Crockford u Carmelo Abdilla li bis-saħħa tagħha Crockford għarfet illi kienet isselfet, b’kollox, tnax-il elf u seba’ mitt lira (Lm12,700) mingħand Abdilla u ntrabtet illi trodd dan is-self, flimkien ma’ l-imgħax bi tmienja fil-mija (8%) fis-sena b’seħħ minn dakinhar, bi ħlasijiet ta’ mhux anqas minn tliet mitt lira (Lm300) fix-xahar; l-ewwel ħlas kellu jsir fl-aħħar ta’ Jannar 1991.

“Din il-kitba hija prova biżżejjed tad-dejn, u għalhekk l-eccezzjoni tal-konvenuti li tgħid illi l-t-talbiet tal-atturi huma neqsin “minn kull fondament guridiku u fattwali” mhux biss hija ħażina iżda hija wkoll qrib ħafna tal-frivolu.

“Il-konvenuti, iżda, ressqu wkoll eccezzjoni ta’ preskrizzjoni taħt l-art. 2156(*e*) tal-Kodici civili:

“**2156.** L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta’ ħames snin:

“(*e*) l-azzjonijiet għar-radd ta’ flus mogħtija b’self, jekk is-self ma jirriżultax minn att pubbliku;”

“Id-dejn kien magħruf bil-kitba tal-15 ta’ Ottubru 1990, u l-ewwel att gudizzjarju li bih setgħet tinkiser il-preskrizzjoni kien l-ittra ufficjali tat-2 ta’ Settembru 1999 imsemmija fic-citazzjoni, waqt li l-kawża nfetħet fis-16 ta’ Novembru 1999. Għalhekk, jekk ma sar ebda att ieħor ta’ ksur ta’ preskrizzjoni bejn it-2 ta’ Settembru 1994 u l-15 ta’ Ottubru 1995, l-azzjoni tal-atturi waqgħet bi preskrizzjoni fis-16 ta’ Ottubru 1995.

“L-atturi jgħidu illi l-preskrizzjoni nkisret b’għarfien tad-dejn minn Melita Crockford taħt l-art. 2133 tal-Kodici civili:

"**2133.** Il-preskrizzjoni tinkiser jekk id-debitur … … … jagħraf il-jedd tal-parti li kontra tagħha dik il-preskrizzjoni kienet bdiet miexja."

"Il-konvenuti jiċħdu li kien hemm dak l-għarfien, u għalhekk il-kwistjoni kollha f'din il-kawża hija kienx hemm għarfien tad-dejn jew le.

"Wara li qieset sew ix-xhieda tal-partijiet, il-qorti hija tal-fehma illi ma sar ebda għarfien tad-dejn. Żgur li ma ngiebet ebda prova ta' għarfien minn Melita Crockford. Ix-xhieda li hemm, u li dwarha ma hemmx kontestazzjoni, hija illi, wara mewt Melita, l-attur Carmelo Abdilla cempel lil xi waħda minn uliedha u din wegbitu illi, jekk ommha kellha xi dejn, uliedha kienu jonorawh. Din, iżda, ma hijiex għarfien tad-dejn, għax b'dak il-kliem il-konvenuta qiegħda tintrabat li tħallas id-dejn ta' ommha biss jekk tassew hemm dejn u jekk dak id-dejn għadu ma tħallasx; ma hijiex qiegħda b'hekk tirrinunzja illi, jekk tingieb prova tad-dejn, hija ggib prova tal-ħlas, ukoll jekk dik il-prova ssir bi preżunzjoni billi tressaq l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni.

"L-atturi ippreżentaw ukoll xi *cheques* li ma kinux issarfu. Dawn kienu jkunu jiswew biex jiksru l-preskrizzjoni, li kieku kienu nħargu fiż-żmien relevanti; ic-*cheques* kollha esebiti iżda nħargu fl-1991, l-aħħar wieħed fil-31 ta' Dicembru. Għalhekk iż-żmien ta' preskrizzjoni li nkiser b'dawk ic-*cheques* rega' għalaq fil-31 ta' Dicembru 1996, qabel ma seta' jerga' jinkiser bl-ittra ufficjali tat-2 ta' Settembru 1999 jew bil-ftuħ tal-kawża.

"Billi għalhekk ma ngiebet ebda prova ta' ksur tal-preskrizzjoni fiż-żmien relevanti, il-qorti taqtal-kawża billi tilqa' l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni taħt l-art. 2156(*e*) tal-Kodici civili u tiċħad it-talbiet tal-atturi, li għandhom iħallsu l-ispejjeż kollha tal-kawża."

**<u>IR-RIKORS TAL-APPELL TAL-ATTURI GAETANO ABDILLA, EMANUEL ABDILLA, JOSEPH ABDILLA U CARMEL *SIVE* CHARLES ABDILLA, U GHAL KULL</u>**

**INTERESS ILLI JISTA' JKOLLHA MICHELINA ABDILLA**

2. L-atturi hassewhom aggravati b'din is-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili moghtija fit-12 ta' Dicembru 2006, u interponew appella minnha. In succint l-aggravji taghhom huma s-segwenti:

i) Preliminarjament li hemm zball fl-okkju tas-sentenza fis-sens li wiehed mill-atturi jismu Carmel sive Charles Abdilla u mhux kif riportat fis-sentenza bhala Carmel sive Charles Aquilina;

ii) It-tieni aggravju huwa li l-ewwel Qorti ma dahlitx fil-kwistjoni li l-eccezzjonijiet tal-konvenuti huma inkonciljabbli u inkompatibbli. Dan huwa hekk ghaliex l-eccezzjoni tal-konvenuti li t-talbiet attrici huma *"privi minn kull fundament guridiku u fattwali"* hija inkompatibbli mal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, liema eccezzjoni ghalhekk ma setghet qatt tigi milqugha;

iii) It-tielet aggravju huwa li l-awtrici tal-konvenuti, ossia Melita Crockford, kienet irrinunzjat ghall-preskrizzjoni meta hi rrikonoxxiet id-debitu taghha mal-attur Carmelo Abdilla. L-attur appellant Carmelo Abdilla ddikjara dan kollu fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu, liema dikjarazzjoni tikkostitwixxi prova u ghal liema prova l-konvenuti ghazlu li ma jaghmlu ebda kontro-ezami.

iv) Ir-raba' aggravju jirrigwarda konsiderazzjoni zbaljata li ghamlet l-ewwel Qorti meta qalet li l-istqarrija li ghamel l-attur Carmelo Abdilla meta qal li kien tkellem ma' xi whud mill-ulied ta' Melita Crockford u li dawn qalulu li jekk kien hemm xi dejn dawn kienu jonorawh, mihiex gharfien ta' dejn ghal fini ta' interruzzjoni tal-preskrizzjoni. L-appellanti jghidu li l-ewwel nett Carmelo Abdilla qatt ma xehed f'dan is-sens, izda xehed li hu kien tkellem personalment ma' Melita Crockford qabel ma mietet. It-tieni nett, kien it-tifel tal-attur, cioe` Gaetano Abdilla li xehed li kellu xi konverzazzjonijiet mal-konvenuti. Mix-xiehda ta' Gaetano Abdilla jirrizulta li hawn non si tratta ta' xi ipotezi ta' debitu izda ta' gharfien ta' debitu u li ghalhekk dan igib l-interruzzjoni jew ir-rinunzja tal-preskrizzjoni, skond il-kaz.

Ghalhekk l-atturi appellanti talbu r-revoka tas-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Dicembru 2006, billi din il-Qorti tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u ghalhekk tilqa' t-talbiet tal-atturi appellanti u tikkundanna lill-konvenuti appellati jhallsu s-somma ta' Lm12,700 bl-interessi pattwiti tat-8% dekoribbli mill-15 ta' Ottubru 1990. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 2 ta' Settembru 1999 kontra l-konvenuti appellati.

**<u>RISPOSTA TAL-APPELL TAL-KONVENUTI FRANCES GLORIA CROCKFORD, MARIA ANTOINETTE SIVE TANYA CROCKFORD, MARIA CARMELA CROCKFORD, MARIA DOLORES SIVE DOREEN CROCKFORD ILLUM MIZZEWGA CASSAR, U CECILIA BORG, ULIED MELITA U FRANCIS CROCKFORD; U FRANCIS CROCKFORD</u>**

3. L-appellati jissottomettu li preliminarjament ghandu jigi accertat li l-appell gie introdott entro termine, altrimenti huwa null u irritwali. It-tieni nett, fir-rikors tal-appell taghhom, l-appellanti qeghdin jirrepetu dak li gie sottomess quddiem l-ewwel Qorti. Fl-ahharnett, is-sentenza tal-ewwel Qorti timmerita li tigi kkonfermata fl-intier taghha peress li hija gusta kemm fattwalment kif ukoll guridikament.

**<u>FATTI MERTU TAL-KAZ</u>**

4. Qabel ma tghaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji tal-atturi appellanti, din il-Qorti thoss li jkun opportun illi taghti sfond fil-qasir tal-fatti kollha mertu tal-kawza in kwistjoni, jigifieri li:

a) Fis-27 ta' April 1988, giet iffirmata skrittura privata bejn Melita Crockford u Carmelo Abdilla, li fiha l-istess Melita Crockford ikkostitwit ruhha bhala debitrici vera, certa u likwida, versu Carmelo Abdilla, b'titolu ta' self, fis-somma ta' Lm 6,850;

b) Fil-15 ta' Ottubru 1990, giet iffirmata skrittura privata ohra bejn Melita Crockford u Carmelo Abdilla. Din l-iskrittura kienet novazzjoni ta' debitu li kien hemm bejniethom. Melita Crockford iddikjarat li kienet debitrici

vera, certa u likwida versu Carmelo Abdilla, b'titolu ta' self, fis-somma ta' Lm 12,700. Hija obbligat ruhha li tirrestitwixxi din is-somma permezz ta' pagamenti mensili ta' mhux inqas minn Lm 300, inkluzi l-interessi. L-ewwel pagament kien dovut fl-ahhar ta' Jannar 1991, bil-interessi ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena dekorribbli mid-data ta' din l-iskrittura;

c) Jirrizultaw tlett "cheques" (a fol. 49 tal-process) datati 30 ta' Ottubru 1991, 31 ta' Novembru 1991 u 31 ta' Dicembru 1991 lil Carmelo Abdilla ghal ammontar ta' Lm200, kull wiehed. Izda mix-xiehda li nghatat jirrizulta li dawn ic-cheques ma gewx onorati;

d) Melita Crockford mietet fl-24 ta' Frar 1997;

e) Irrizulta wkoll mill-provi li kien hemm xi konverzazzjonijiet bejn il-partijiet fid-19 ta' April 1999 u fil-5 ta' Mejju 1999, fejn il-konvenuti appellati qalu lill-atturi appellanti li jekk kien hemm xi haga li halliet Melita Crockford huma jonorawh;

f) Giet ipprezentata ittra ufficjali mill-atturi appellanti fit-2 ta' Settembru 1999 rigward dan id-debitu, ghal liema ittra ufficjali l-konvenuti appellati rrispondew fil-23 ta' Settembru 1999, b'liema risposta huma ddifidaw lill-appellanti milli jaghmlu xi proceduri ulterjuri kontrihom in kwantu l-pretensjoni taghhom kienet infondata fil-fatt u fid-dritt.

g) Sussegwentement infethet din il-kawza fis-16 ta' Novembru 1999.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

5. Qabel ma l-atturi appellanti bdew jeleboraw l-aggravji taghhom fil-mertu, huma ghamlu accenn ghall-fatt li hemm zball fl-okkju tas-sentenza kif pronunzjata mill-ewwel Qorti fis-sens li wiehed mill-atturi jismu Carmel sive Charles Abdilla u mhux kif gie erronjament riportat fis-sentenza bhala Carmel sive Charles Aquilina.

Izda wara li din il-Qorti ezaminat akkuratament l-atti tal-kawza, setghet tinnota li dan mhuwiex zball fl-okkju tas-sentenza. L-ewwel Qorti invece rriportat tajjeb l-ismijiet li gew imnizzla fl-att promotur tal-kawza. Il-faccata ta' quddiem tac-citazzjoni jaqra proprju hekk *"Carmelo Abdilla u b'digriet tas-6 ta' Gunju 2005, il-kawza tkompliet fil-persuna ta' Gaetana Abdilla, Emanuel Abdilla, Joseph Abdilla u Carmel sive Charles Aquilina minflok l-attur Carmelo Abdilla li miet waqt li kienet miexja l-kawza."* Din iz-zieda saret wara digriet tal-ewwel Qorti tas-6 ta' Gunju 2005, li jinsab a fol. 129 tal-process. Minn dan id-digriet fil-fatt jidher bic-car li hawn l-ismijiet kienu mnizzla tajjeb, jigifieri dan kien imnizzel bhala *"Carmel sive Charles Abdilla"*. Ghalhekk jidher evidenti li dan kien zball purament amministrattiv fis-sens li d-Deputat Registratur, fuq ic-citazzjoni, nizzel "Aquilina" flok "Abdilla". Din il-Qorti, ai termini tal-Artikolu 175(3) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili ghandha l-jedd li tordna li jissewwa kull zball gudizzjarju u/jew amministrattiv f'att gudizzjarju. L-att tac-citazzjoni li bih gietipprezentata din il-kawza huwa att gudizzjarju u ghalhekk din il-Qorti tordna li kemm fl-att promotur u kemm fis-sentenza dan l-izball jissewwa biex b'hekk l-okkju ghandu jaqra Hekk:
"*Carmelo Abdilla u martu Michelina Abdilla; u b'digriet tas-6 ta' Gunju 2005, il-kawza tkompliet fil-persuna ta' Gaetano Abdilla, Emanuel Abdilla, Joseph Abdilla u Carmel sive Charles Abdilla minflok l-attur Carmelo Abdilla li miet waqt li kienet mixja l-kawza*

*v.*

*Frances Gloria Crockford, Maria Antoinette sive Tanya Crockford, Maria Crockford, Maria Dolores sive Doreen Crockford illum mizzewga Cassar, u Cecilia Borg ulied Melita u Francis Crockford; u Francis Crockford*"

6. It-tieni aggravju tal-appellanti huwa li l-ewwel Qorti ma dahlitx fil-kwistjoni li l-eccezzjonijiet tal-konvenuti huma inkonciljabbli u inkompatibbli. L-appellanti jsostnu li l-eccezzjoni tal-konvenuti li t-talbiet attrici huma "*privi minn kull fundament guridiku u fattwali*" hija inkompatibbli mal-

eccezzjoni tal-preskrizzjoni, liema eccezzjoni ghalhekk ma setghet qatt tigi milqugha.

Il-konvenuti appellati taw zewg eccezzjonijiet fin-nota taghhom. L-ewwel wahda hija li l-azzjoni hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2156(e) tal-Kodici Civili u t-tieni wahda hija li minghajr pregudizzju ghal dan, it-talbiet attrici huma privi minn kull fundament guridiku u fattwali. Hawn, ghalhekk, ma kienx hemm kontestazzjoni da parti tal-appellati li dan id-debitu kien jezisti jew li ghalkemm id-debitu kien jezisti, l-ammont kien anqas milli dak li qed jitolbu l-kredituri. Huwa f'dawn il-kazijiet li jkun hemm inkompatibilita` mal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni li ghalhekk ma tistax tinghata.

Hawn jidher li l-konvenuti appellati eccepew, flimkien mal-preskrizzjoni, li l-pretensjoni tal-appellanti hija nieqsa minn kull fundament fattwali jew legali, jigifieri l-inezistenza totali ta' debitu. Din il-Qorti diga` kellha l-opportunita` li tesprimi ruhha dwar dan il-punt fil-kawza fl-ismijiet **Lorry sive Lawrence Cuschieri v L-Onorevoli Ministru tal-Ambjent et.**,_deciza fit-22 ta' Frar 2005. Hemm intqal *inter alia* li gej:
"Fuq dan il-punt jidher li kien hemm xi ftit ta' konflitt fil-gurisprudenza, pero` fis-sentenza **Giuseppe Schembri v. Giuseppe Chircop** deciza fl-14 ta' Jannar 1955 (Vol. XXXIX-1-54), il-Qorti tal-Appell irriteniet illi fis-sistema legali Maltija l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni hija kompatibbli ma' l-eccezzjoni tal-inezistenza totali tad-debitu. Il-Qorti tal-Appell irriteniet illi: *"(Il)-gurisprudenza taghna l-aktar ricenti (Kollez. Vol. XXVIII-I-2971; Vol. XXX-I-9762; Vol. XXXII-I-9613 u Vol. XXXIV-I-3294) ma ghadhiex tammetti t-teorija li l-preskrizzjonijiet brevi, bhal dik in ezami, huma bazati fuq il-prezunzjoni tal-pagament, ghaliex il-gurament li l-eccipjent jigi msejjah jiehu mhux dak li hu hallas, izda li mhux debitur, u ghalhekk l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni brevi hija kompatibili ma' eccezzjonijiet ohra li jwasslu ghall-konsegwenza li l-eccipjent mhux debitur."* (ara wkoll fl-istess sens **Alex Caruana v. Joseph Vassallo** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' Dicembru 1978). Il- Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni ghaliex il-formula tal-gurament preskritta fil-Kodici taghna ghal preskrizzjonijiet

qosra hija diversa mill-formola tal-gurament preskritta fil-Kodici Taljan u dak Franciz, u ghalhekk fis-sistema tal-Kodici taghna, l-eccezzjoni tal-kontestazzjoni tad-debitu mhix inkompatibbli ma’ l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Fil-fatt, fis-sentenza **Amadeo Wismayer v. Ugo Naudi** deciza fil-5 ta’ Frar 1932, il-Qorti tal-Appell osservat hekk: *“Che contrariamente a quanto opino la prima Corte basandosi sul giudicato di questa Corte profferito il 25 febbraio 1925 in re “Chircop versus Azzopardi” (Collezione Volume XXIV, Parte I, pagina 353), e da prescegliere la giurisprudenza contraria che, considerando aver l’articolo 1924 dell’Ordinanza No. VII del 1868, dissimile da quello 2142 del Codice Civile Italiano e 2275 del Codice Civile Francese, stabilito una formola tutta propria del giuramento da deferirsi a coloro che oppongono le prescrizioni brevi per cui essi non possono validamente dare una tale eccezione se con giuramento non dichiarino di non essere debitori o di non ricordarsi che la cosa sia stata pagata, mentre la formola del giuramento adottata nei detti codici continentali fa qualificare quella prescrizione come presuntiva del pagamento del debito, ritenne che il giuramento di non essere debitore puo estendersi anche al caso che la obbligazione non sia mai esistita e che percio` si possa eccepire la prescrizione compatibilmente con la contestazione del debito (Appello: “Portelli versus Barbara” 20 aprile 1910 Collezione XXI-I-200; “Caruana Mamo versus Mifsud Speranza” 16 maggio 1925; e “Fenech versus Bugeja”, 10 aprile 1926, Vol. XXVI, I, sezione 3, pagine 255 e 300).”*

7. Ghaldaqstant a bazi ta’ dan kollu li intqal dan l-aggravju qed jigi michud.

8. It-tielet aggravju tal-atturi appellanti huwa li l-awtrici tal-konvenuti, ossia Melita Crockford, kienet irrinunzjat ghall-preskrizzjoni meta hi rrikonoxxiet id-debitu mal-attur Carmelo Abdilla. L-attur appellant Carmelo Abdilla ddikjara dan kollu fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu, liema dikjarazzjoni tikkostitwixxi prova u ghal liema prova il-konvenuti ghazlu li ma jaghmlu ebda kontro-ezami. L-appellanti jkomplu jghidu li l-istess Melita Crockford

irrikonoxxiet id-debitu numru ta’ drabi ma’ Carmelo Abdilla u li kienet anke lesta li taghmel tajjeb ghal dan id-debitu b’xi proprjeta` li kellha l-Belt u l-Hamrun.

Qabel ma jigu kkonsiderati l-principji giuridici dwar ir-rinunzja tal-preskrizzjoni, din il-Qorti tinnota li ghalkemm huwa veru li Carmelo Abdilla ghamel din id-dikjarazzjoni guramentata meta pprezenta l-att promotur ta’ din il-kawza, din l-istess dikjarazzjoni saret ukoll minn iben l-istess Carmelo Abdilla, Gaetano Abdilla, meta xehed fis-seduta tal-11 ta’ Novembru 2005, meta a fol. 144 jghid:

*“Kienu qaluli li dawk li halliet il-mummy ha nonorawh kollu. Sahansitra kienu anke offrewli li jaghmlu tajjeb b’xi proprjeta li kellhom il-Hamrun u l-Belt.”*

Din il-konverzazzjoni, kif jghid l-istess xhud saret jew fid-19 ta’ April 1999 jew fil-5 ta’ Mejju 1999, jigifieri disa’ (9) snin wara li kienet saret l-iskrittura privata. Min-naha l-ohra, Carmelo Abdilla, fid-dikjarazzjoni tieghu jghid li Melita Crockford kienet irrikonoxxiet id-debitu diversi drabi u anke hi kienet offriet xi proprjeta li kellha l-Hamrun u l-Belt. F’din id-dikjarazzjoni ma hemm l-ebda indikazzjoni ta’ meta saru dawn il-konverzazzjonijiet. L-unika indikazzjoni li hemm hija li Carmelo Abdilla jiddikjara li kien kellem lil Melita Crockford ftit gimghat qabel ma’ mietet, jigifieri fil-bidu tas-sena 1997.

9. Ghalhekk hawn il-punt krucjali huwa jekk dawn il-konverzazzjonijiet jammontawx ghal rinunzja jew interruzzjoni tal-preskrizzjoni, tenut kont tal-fatt li dawn il-konverzazzjonijiet saru mis-sena 1997 ’il quddiem.

Fil-fehma tal-Qorti, rinunzja tacita trid tirrizulta b'mod car u inekwivoku, u jrid ikun jidher mill-fatti li jitressqu li hekk tassew ried dak li allegatament irrinunzja. Trattativi mizmuma *pendente lite* intizi biex tinstab soluzzjoni ghall-kwistjoni ta' bejn il-kontendenti, jinzammu dejjem bla pregudizzju u l-kontenut ta' dawk it-trattativi, sakemm ma jkunux wasslu ghas-soluzzjoni tal-vertenza, ma jista' qatt jigi uzat minn wahda mill-partijiet minghajr il-kunsens tal-kontro-parti, u mhux ammissibbli bhala prova. Min-naha l-

ohra jista' jkun hemm interruzzjoni jew billi l-attur jipprova dan permezz ta' xi att gudizzjarju (Artikolu 2128, Kodici Civili) jew billi juri ghas-sodisfazzjon tal-Qorti illi b'certa attitudni tieghu l-konvenut debitur qieghed lilu nnifsu f'sitwazzjoni li jirrendi inkompatibbli l-posizzjoni guridika tieghu mal-prezunzjoni kostitwenti l-bazi tal-preskrizzjoni. F'dan il-kuntest ssir referenza ghas-sitwazzjonijiet previsti mill-Artikoli 2133 u 2134 tal-Kodici Civili.

Issa r-rikonoxximent stabbilit mill-imsemmi Artikolu 2133 tal-Kap. 16 jestrinsika ruhu jew permezz ta' xi dikjarazzjoni esplicita jew bi kwalsiasi fatt iehor li jimplika l-ammissjoni tal-ezistenza tad-dritt, per ezempju, il-weghda tal-hlas, talba ghad-dilazzjoni tal-pagament, il-hlas akkont (Artikolu 2134), l-annotazzjoni tad-debitu f'denunzja tas-successjoni jew f'forma ta' entrata fl-*accounts*;

Jigi, inoltre, rilevat illi kemm fid-duttrina legali, kif ukoll fil-gurisprudenza, illi dan ir-rikonoxximent tad-dritt ghal fini tal-interruzzjoni tal-preskrizzjoni hu konfigurabbli fir-rekwiziti tal-volontarjeta`, tal-konsapevolezza, tal-inekwivocita`, dejjem b'mod esterjorizzat. Rekwiziti, dawn, li hu necessarju li jikkoezistu flimkien fl-istess att.

Jibqa' dejjem imperattiv illi l-prova dwar dawn l-istess rekwiziti trid issir mill-attur billi huwa dan li jkun qed jikkontrasta l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-kontroparti. Zgur li mhux mistenni li din il-prova ssir mill-Qorti jew mit-Tribunal li, anzi, ghandha l-kompitu li tiddeciedi *"iuxta allegata et probata"*. Tajjeb li hawn jigi mfakkar illi, jekk dwar din l-interruzzjoni hemm konflitt ta' provi, allura l-konsegwenza m'hijiex li ghandha tigi michuda l-preskrizzjoni, imma dik kuntrarja, li ghandha tigi akkolta, peress li l-pozizzjoni guridika tkun li mentri jkun fatt li ghadda t-terminu tal-preskrizzjoni, ikun ugwalment fatt illi l-attur ma ssodisfax lill-Qorti li kien hemm interruzzjoni. Ghaldaqstant dak li hu mportanti hu li r-rikonoxximent allegat mill-attur ikun car u esplicitu.

L-accertament tal-ezistenza jew le ta' atti validament interruttivi tal-preskrizzjoni eccepita, jikkostitwixxi indagini ta' fatt rizervat ghall-apprezzament tat-tribunal adit.

10. Dan kollu gie osservat anke mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet **Martin Mizzi v Joseph Camilleri** deciza fil-20 ta' Ottubru 2004, fejn gie ritenut hekk:
"*Jibda biex jigi osservat in tema ta' principju fuq is-suggett tar-rikonoxximent ta' kull debitu illi dan irid ikun car u esplicitu u li ghalhekk "gli atti dai quali si pretendesse desumere la intenzione di rinunziare alla prescrizione siano tali da far necessariamente supporre l'abbandono del diritto acquisito … …" (**Kollez Vol XXV pII p184**). Gja qabel din id-decizjoni kien gie rimarkat illi "la rinunzia non si presume e dev'essere concludentemente provata; se e` tacito, deve sorgere da un fatto chiaro ed evidente, che include necessariamente la intenzione di rinunziare, e che non possa prestarsi ad altra interpretazione, o ingenerare qualche dubbio sulla intenzione del rinunziante" (**Kollez Vol XVI pI 90**).*

"*Fid-dawl ta' dawn l-enuncjazzjonijiet din il-Qorti ma tistax ragonevolment tikkondividi l-fehma tal-ewwel Qorti illi d-diskussjonijiet u l-inkontri li ghalihom saret riferenza f'dan il-kaz kienu tali li jintegraw fihom ir-rikonoxximent tad-debitu jew rinunzja ghall-preskrizzjoni sollevata jew xi virtu interruttiva ghall-istess preskrizzjoni.*

"*Din il-Qorti tkompli ssahhah din l-opinjoni taghha fuq l-osservanza u l-bazi tal-insenjamenti traccjati fil-gurisprudenza taghha:-*

"*(1) Gia` fis-sentenza fuq citata a **Vol XXV pII p184** kien inghad illi l-abbandun tad-dritt akkwizit "non si potrebbe desumere da profferte conciliative o da trattive … …"*

"*(2) L-offerti li jsiru in linea ta' transazzjoni ma ghandhomx l-effikacja ta' rikonoxximent tad-dejn, ghaliex proposti simili jsiru minghajr pregudizzju tad-drittijiet rispettivi tal-kontendenti" (**Kollez. Vol XXXIV pI p326**).*

"*(3) In-negozjati jew trattivi li jsiru bejn iz-zewg kontraenti waqt id-dekors taz-zmien biex jirrangaw jew jirrizolvu l-*

*kwestjoni ma jistghax ikollhom effikacja interruttiva … …” (**Kollez Vol XXXVIII pIII p723**).*
“*(4) Wiehed ma jkunx qed jammetti d-debitu tieghu jekk huwa jghid jew juri li huwa lest li jelimina l-kwistjonijiet reciproci b’xi transazzjoni jew b’mod bonarju. Huwa notorju li t-trattattivi li jsiru bejn il-partijiet biex tigi esplorata l-possibilita` ta’ xi ftehim huma dejjem minghajr pregudizzju” – “**Giovanna Mifsud noe et -vs- Rosaria Felice Gay**”, Prim’Awla, 5 ta’ Ottubru 1972; “**Silvio Frendo et -vs- Andrew Faenza**”, Appell, Sede Inferjuri, 2 ta’ Gunju 2000).*”

11. Ghaldaqstant a bazi ta’ dawn il-principji, l-atturi appellanti huma zbaljati meta jghidu li l-konverzazzjonijiet li kien hemm bejn Melita Crockford u Carmelo Abdilla u wara bejn it-tfal ta’ Melita Crockford u Gaetano Abdilla kienu jammontaw ghal ammissjoni tad-debitu da parti tal-konvenuti appellati u ghalhekk is-sussegwenti rinunzja ghall-preskrizzjoni. Minbarra dan kollu jinghad ukoll li anke li kieku *per grazia di argomento* dawn il-konverzazzjonijiet kellhom jirrizultaw ghal ammissjoni tad-debitu, xorta wahda iz-zmien kien ghadda. L-iskrittura saret fil-15 ta’ Ottubru 1990 u dawn il-konverzazzjonijiet saru fil-bidu tas-sena 1997 u sussegwentement fis-sena 1999, ghalhekk seba’ (7) snin wara li saret l-iskrittura.

Dan kollu gie kkonsiderat u deciz tajjeb mill-ewwel Qorti. Dan huwa hekk anke fir-rigward tac-*cheques* li gew ipprezentati. Dawn huma datati Ottubru, Novembru u Dicembru tas-sena 1991, u ghalhekk jekk dawn jittiehdu in konsiderazzjoni it-terminu preskrittiv skada fil-31 ta’ Dicembru 1996.

Ghalhekk anke dan l-aggravju qieghed jigi michud.

12. Fl-ahharnett, ghal dak li accennaw il-konvenuti appellati fir-risposta taghhom li dan l-appell, salv accertament, seta’ ma giex ipprezentat *entro termine*, dan fil-fatt m’huwiex hekk. Din is-sentenza nghatat fit-12 ta’ Dicembru 2006 u l-appell gie introdott fit-2 ta’ Jannar 2007, jigifieri proprju fl-ahhar jum li fih seta’ jigi introdott l-appell u dana peress li l-ewwel (1) ta’ Jannar huwa jum ta’

ferjat u r-Registru tal-Qorti jkun maghluq.  Ghalhekk l-appell sar fit-terminu.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad l-appell tal-atturi appellanti u tikkonferma *in* toto is-sentenza appellata.

L-ispejjez gudizzjarji taz-zewg istanzi jithallsu mill-atturi appellanti solidament bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------